DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 2/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 ([1]).

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) Nru 648/2011 tal-4 ta' Lulju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri tranżitorji li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/256/UE tat-30 ta' April 2010 li temenda d-Deċiżjoni 92/216/KEE fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-lista ta' awtoritajiet koordinaturi għal kompetizzjonijiet ekwini ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/433/UE tal-5 ta' Awwissu 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2004/558/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/633/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 93/152/KEE li tistabbilixxi l-kriterji għall-vaċċini li għandhom jintużaw kontra l-marda Newcastle fil-kuntest ta' programmi ta' tilqim ta' rutina ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/111/UE tat-18 ta' Frar 2011 li tawtorizza lil Franza, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE, biex tittrasporta flieles ta' jum u għawwietaq tal-ftuħ lest biex ibid 'il barra żona ta' protezzjoni stabbilita minħabba tifqigħa tal-marda Newcastle fid-dipartiment ta' Côtes d'Armor ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/378/UE tas-27 ta' Ġunju 2011 li temenda l-Parti A tal-Anness XI mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I ta' mal-Ftehim. Għalhekk, din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika għall-Islanda.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tolqot kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-Adattamenti Settorjali għall-Anness I għall-Ftehim. Din id-deċiżjoni m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġu miżjud fil-punt 21 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/216/KEE) fil-Parti 2.2:

"— **32010 D 0256**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/256/UE tat-30 ta' April 2010 (ĠU L 112, 5.5.2010, p. 8)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE) fil-Parti 3.1:

"— **32011 D 0378**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/378/UE tas-27 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 168, 28.6.2011, p. 16)."

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007) fil-Parti 3.2:

"— **32011 R 0648**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 648/2011 tal-4 ta' Lulju 2011 (ĠU L 176, 5.7.2011, p. 18)."

4. Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*", il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 46 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/838/KE) fil-Parti 3.2:

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 3.
([2]) ĠU L 176, 5.7.2011, p. 18.
([3]) ĠU L 112, 5.5.2010, p. 8.
([4]) ĠU L 205, 6.8.2010, p. 7.
([5]) ĠU L 279, 23.10.2010, p. 33.
([6]) ĠU L 46, 19.2.2011, p. 44.
([7]) ĠU L 168, 28.6.2011, p. 16.

"47. **32011 D 0111**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/111/UE tat-18 ta' Frar 2011 li tawtorizza lil Franza, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE, biex tittrasporta flieles ta' jum u għawwietaq tal-ftuħ lest biex ibid 'il barra żona ta' protezzjoni stabbilita minħabba tifqigħa tal-marda Newcastle fid-dipartiment ta' Côtes d'Armor (ĠU L 46, 19.2.2011, p. 44).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda."

5. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 18 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/152/KEE) fil-Parti 4.2:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 D 0633**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/633/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 33)."

6. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 80 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32010 D 0433**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/433/UE tal-5 ta' Awwissu 2010 (ĠU L 205, 6.8.2010, p. 7)."

Artikolu 2

It-testi tad-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 648/2011 u d-Deċiżjonijiet 2010/256/UE, 2010/433/UE, 2010/633/UE, 2011/111/UE u Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/378/UE fl-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.